**GHAWDEX**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**MR. ALFRED PERINI**
**MR. JAMES HENRY PEARSALL**

**Illum 2 ta' Dicembru 2016**

**Rikors Numru 1/2015**

**Lorenzo Casu**

**Vs**

**Chairman – Transfer of Residence Exemption Board**
**Ministru Ghal-Finanzi, Ekonomija u Investiment**
**Awtorita` ghat-Trasport f'Malta (ghal kull interess li jista' jkollha)**

It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' **Lorenzo Casu** ipprezentat fit-8 ta' Ottubru 2015 li permezz tieghu ppremetta s-segwenti:-

*"Illi huwa sid ta' vettura registrata barra minn Malta bin-numru DA33OHY tal-marka Nissan.*

*Illi huma importa l-vettura tieghu hawn Malta fejn issa stabilixxa r-residenza tieghu.*

*Illi huwa talab ezenzjoni taht l-artikolu 19 tal-Motor Vehicle Registration and Licensing Act (Kap 368) (Transfer of residence) u taht ir-regolament 4 tal-Exemption from Motor Vehicle Registration Tax Rule (S. L. 368.01)*

*Illi permezz ta' ittra datata nhar il-hamsa (5) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hmistax (2015) din l-applikazzjoni tieghu giet rrigettata ghaliex skond il-kontenut ta' din l-ittra huwa ma jikkwalifikax ghal tali ezenzjoni.*

*Illi l-esponenti ma jaqbilx ma din id-decizjoni u jemmen illi huwa jikkwalifika stante illi fost affarijiet ohra, fid-data li fiha huwa ghazel li jistabilixxi r-residenza u anke meta effettivament giet approvata r-residenza, tieghu huwa kien ilu titilari ta' l-imsemmija vettura ghaz-zmien li trid il-ligi.*

*Illi ghalhekk hu jemmen illi d-decizjoni ta' l-intimati ma hijiex wahda korretta u timmerita li tigi mistharrga u riveduta minn dan it-tribunal.*

*Ghaldaqstant ghal dawn ir-ragunijiet u ghal dawk ir-ragunijiet kollha li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, l-esponenti qed jitlob bir-rispett li dan l-Onorabbli Tribunal joghbgu jirrevoka in toto d-decizjoni tal-intimati datata tal-5 ta' Ottubru 2015 fuq indikata u tordna lil intimati jew min minnhom sabiex japprovaw it-talba tar-rikorrent ghal l-ezenzjoni mitluba suriferita."*

Ra r-risposta ta' l-**Awtorita` ghat-Trasport f'Malta** opprezentata fid-19 ta' Ottubru 2015 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:-

"

1. *Illi in linea preliminari, l-Awtorita esponenti mhijiex il-legittimu kontradittur f' din il-kawza u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju u dana peress illi kwalunkwe decizjoni mehuda in konnessjoni mal-applikazzjoni tar-rikorrent ghall-ezenzjoni mill-hlas tax-taxxa ttiehdet unikament mill-intimati l-ohra, huma jew min minnhom, u in oltre l-Awtorita esponenti m' ghandha ebda sehem la fil-konsiderazzjonijiet u lanqas id-decizjonijiet ta' tali talbiet ghall-ezenzjoni. Ghaldaqstant l-Awtorita rispondenti ghandha tigi liberate ab observantia bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrent u dan anke fuq l-iskorta ta' gurisprudenza pacifika ta' dan l-Onorabbli Tribunal fosthom, inter alia, is-sentenzi fil-kawzi ta' Daniele Klein u Balbinder Maliki Twana.*

2. *Illi sussidjarjament u bla pregudizzju ghall-premess l-allegazzjonijiet u l-pretenzjonijiet tar-rikorrent kontra l-Awtorita esponenti huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi r-rikorrent ma jissodisfax ir-rekwiziti stabbiliti tal-ligi sabiex ikun ezentat mill-hlas tat-taxxa ta' registrazzjoni.*

3. *Illi sussidjarjament u bla pregudizzju ghall-premess it-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u dan peress illi d-decizjoni in kwistjoni hija legali, gusta u ghandha tigi kkonfermata.*

4. *Illi f' kull kaz l-Awtorita rispondenti m' ghandiex tigi akkollata bl-ispejjez ta' din il-procedura."*

Ra illi **c-Chairman – Transfer of Residence Exemption Bord u l-Ministeru Ghall-Finanzi** ipprezentaw ir-risposta taghhom fit-2 ta' Novembru 2015 li permezz taghha eccepew is-segwenti:-

*"*

1. *Illi preliminarjament l-esponent jirrileva li l-Avukat Generali ma giex notifikat skond kif jipprovdi l-artikolu 181B (3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta ;*
2. *Illi fil-mertu u bla pregudizzju ghal dak fuq premess, l-esponent jecepixxi illi l-allegazzjonijiet kollha tal-appellant huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dank if ser jigi muri fil-mori ta' dan ir-rikors ;*
3. *Illi l-applikazzjoni tal-appellant ghall-ezenzjoni giet rifjutata ghaliex ma jissodisfax il-kundizzjonijiet stabbiliti fir-regolamenti 4(3)(a) u 4(3)(f) tal-L.S. 368.01 u dan kif hemm imnizzel fl-ittra ta' rifjut datata 5 ta' Ottubru 2015, iffirmata minn Ms. Elaine Bugeja u annessa mar-rikors promotur bhala Dok "A" ;*
4. *Illi r-regolament 4(3)(a) jistipula s-segwenti : " Biex vettura tkun tista tikkwalifika ghal ezenzjoni ... (a) hija trid tkun ilha registrata f' isem l-individwu li jkun qieghed jittrasferixxi r-residenza normali tieghu ghal perjodu ta' mhux inqas minn erbgha u ghoxrin xahar minnufih qabel id-data tat-trasferiment tar-residenza tieghu ghal Malta u tkun ghadha hekk registrata meta l-vettura tigi mpurtata jew migjuba f' Malta;"*
5. *Illi jirrizulta mill-applikazzjoni sottomessa mir-rikorrent ghall-ezenzjoni mill-hlas ta' taxxa fuq ir-registrazzjoni tal-vettura (liema applikazzjoni hija datata 15 ta' Settembru 2015 u li tinsab hawn annessa u mmarkata bhala Dok MF1) kif ukoll mill-log book (li jinsab hawn anness u mmarkat bhal Dok. MF2), li l-vettura tal-marka Nissan bin-numru ta' registrazzjoni barrani DA33OHY giet akwistata u registrata f' isem l-appellanti fid-9 ta' Mejju 2013 ;*
6. *Illi jirrizulta mid-dikjarazzjoni tar-rikorrent stess, fl-applikazzjoni tieghu li giet sottomessa lill-esponenti, li d-data tat-trasferiment tar-residenza tieghu f' Malta hi 8 ta' Marzu 2015 u ghalhekk l-karozza ma kienitx ilha registrata f' isem l-appellant ghal erbgha u ghoxrin xahar minnufih qabel id-data tat-trasferiment tar-residenza tieghu f' Malta kif mitlub ai termini tar-regolament 4(3)(a) tal-L.S. 368.01 ;*
7. *Illi r-regolament 4(3)(f) jistipula s-segwenti : " meta l-persuna tkun ittrasferiet ir-residenza taghha lejn Malta u l-vettura tkun ghadha ma waslitx Malta, l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni ghandha ssir fi zmien tletin gurnata minn meta l-vettura tasal Malta" ;*
8. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suesport, mid-dikjarazzjoni tal-appellant, fl-applikazzjoni minnu sottomess, jirrizulta illi huwa ttrasferixxa r-residenza tieghu f' Malta fit-8 ta' Marzu 2015 u l-vettura waslet f' Malta fl-istess gurnata (ara Dok. MF3 hawn anness) ;*
9. *Illi l-appellant applika ghall-ezenzjoni mill-hlas ta' taxxa ta' registrazzjoni tal-vettura tieghu, tal-marka Nissan, fil-15 ta' Settembru 2015 (vide Dok MF1 hawn anness) ;*
10. *Illi minn dan jirrizulta ampjament car illi l-applikazzjoni saret oltre t-tletin (30) gurnata msemmija fir-regolament numru 4(3)(f) tal-L.S.368.01. L-esponent f' dan is-sens jirrileva illi kien marbut li jara li l-applikazzjoni kienet tissodisfa l-kriterji*

*kollha elenkati fil-ligi biex tinghata l-ezenzjoni. Kjarament it-terminu ta' tletin (30) gurnata huwa wiehed mill-kriterji tassattivi biex tinghata l-ezenzjoni mit-taxxa tar-registrazzjoni u ghalhekk, l-applikazzjoni tar-rikorrent giet michuda state li hu ma ssodisfax il-kriterji stabbilit fl-imsemmija Regolament ."*

Sema' x-xhieda ta' Joannie Spiteri,[1] tar-rikorrent[2], ta' Audrey Callus Randich[3] u ta' Ilona Masini;[4]

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Sema' lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw l-appell waqt is-seduta tas-6 ta' Ottubru 2016;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Bil-proceduri odjerni r-Rikorrenti qieghed jitlob li dan it-Tribunal jirrevoka d-decizjoni notifikata lilu b'ittra mibghuta mit-*Transf*er of *Residence Exemption Board* (aktar 'l isfel "il-Bord") fi hdan il-Ministeru ghall-Finanzi datata 5 ta' Ottubru 2015 permezz ta' liema gie mgharraf bis-segwenti:-

*"Reference is made to your application for an exemption under article 19 of the Motor Vehicle Registration and Licensing Act (Cap. 368) (Transfer of Residence) and Regulation 4 of the Exemption from Motor Vehicle Registration Tax Rule (S.L. 368.01).*

*Following assessment of your application, it is regretted that this Ministry cannot accede to your request in terms of Legal Notice 440 of 2013 under rule 4 (3) (a) which stipulates that "it shall have been registered in the name of the individual transferring his normal residence for a period of at least twenty-four months immediately before the date of this transfer of residence to Malta and is still so registered when the vehicle is imported or brought into Malta" and under rule 4 (3) (f) which stipulates that "where the person has transferred his residence to Malta and the vehicle has not yet arrived in Malta, the application for exemption is to be made within thirty days from the arrival of the vehicle in Malta."*

**Ir-rikorrent** xehed illi huwa xtara l-vettura in kwistjoni fl-2013 u huwa gie Malta l-ewwel darba fit-8 ta' Marzu 2015 filwaqt li rcieva l-permess ta'

[1] A fol. 29 sa 30
[2] A fol. 32 sa 33 u minn fol. 53 sa 55
[3] A fol.36 sa fol. 38 u a fol. 51 u 52
[4] A fol. 45 u 46

residenza fil-bidu ta' Settembru, wara liema huwa applika ghall-ezenzjoni mit-taxxa tar-registrazzjonji fuq il-vettura tieghu. Jghid illi huwa kien talab informazzjoni dwar l-ezenzjoni qabel ma kellu l-permess tar-residenza u kienu qalulu biex jistenna sakemm jinhariglu l-istess permess u kien ghalhekk li ma applikax qabel. Jghid li din l-informazzjoni inghatatlu minn Joannie Spiteri. Jghid li meta wasal Malta l-ewwel darba ma kellux l-intenzjoni mill-ewwel li jibqa' residenti hawn Malta imma kien biss lejn l-ahhar tar-rebbiegha/bidu tas-sajf li beda jitlob ghall-informazzjoni biex jibqa' jirrisjedi hawn Malta. Mistoqsi in kontro-ezami jekk kienx qara l-informazzjoni kollha li kienet tikkontjeni l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni mit-taxxa tar-registrazzjoni, ir-rikorrent stqarr li forsi ma qarax kollox fid-dettall imma kien strah fuq dak li kienu qalulu mill-ufficju ta' Transport Malta u mill-Ufficju tar-Residenza. Jghid li wara li applika ghall-permess ta' residenza huwa kien mar ghand Joannie Spiteri, rat id-dokumenti li kellu u qaltlu li kien jikkwalifika ghall-ezenzjoni. Madankollu wara xaharejn huwa ircieva l-ittra tar-rifjut. Jghid li ghall-bidu huwa baqa' Malta bhala turista u kien ghadu ma ddecidiex jibqghax jghix hawn Malta. Jistqarr li sar jaf li ried japplika ghall-ezenzjoni meta mar biex japplika ghall-permess ta' residenza. Jghid li xi zmien wara li wasal Malta ghall-ewwel darba huwa mar l-Ufficju tal-E-Residence u kienu talbuh numru ta' dokumenti li uhud minnhom kellu jmur l-Italja ghalihom personalment f'xi Awissu tal-2015.

**<u>Joannie Spiteri</u>**, ufficjal responsabbli mill-Ufficju tal-Licenzji u Testijiet fi hdan il-Ministeru ta' Ghawdex, xehdet illi skond ir-*records* li kellha, fil-15 ta' Settembru 2015 ir-rikorrent kien mar ikellimha fl-ufficju taghha u ggwidatu dwar l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni. Spjegat illi applikant ghall-ezenzjoni, qabel ma jaqleb ir-residenza ma setghax japplika ghall-ezenzjoni. Spjegat li l-posizzjoni tad-Dipartiment hi li qabel ma persuna jkollu r-residenza maqluba ma jisghax japplika ghall-ezenzjoni.

**<u>Audrienne Callus Randich</u>**, Direttur Financial Policy, Anaylsis and Development mal-Ministeru ghall-Finanzi, stqarret illi skond il-*log book* tal-vettura in kwistjoni l-istess kienet giet registrata fuq ir-rikorrent fit-8 ta' Mejju 2013. Tistqarr illi r-rikorrent iddikjara li ttrasferixxa r-residenza tieghu lejn

Malta fit-8 ta’ Marzu 2015 u l-vettura in kwistjoni waslet mieghu filwaqt li applika ghall-ezenzjoni mit-taxxa ta’ registrazzjoni fil-15 ta’ Settembru 2015. Tispjega illi mal-applikazzjoni ghall-ezenzjoni r-rikorrent kien ipprezenta l-applikazzjoni tieghu ghall-permess ta’ residenza datata 11 ta’ Settembru 2015 pero` mill-file ma jirrizultax li kien esebit il-permess ta’ residenza innifsu. Tistqarr illi meta tigi sottomessa applikazzjoni huma bhala Ministeru jistaqsu jew ghal kopja tal-permess ta’ residenza jew ghall-inqas ghall-*acknowledgement* li l-applikant ikun applika ghall-permess. Fil-kaz in kwistjoni huma kellhom kopja tar-ricevuta li r-rikorrent mar japplika ghall-permess ta’ residenza.

**Ilona Masini**, ufficjal tal-Ufficju tal-E-Residence gewwa Ghawdex, stqarret illi l-applikazzjoni tar-rikorrent ghall-permess ta’ residenza giet approvata fid-19 ta’ Settembru 2015, wara liema bhala ufficju jibghatu l-*approval* Malta biex tigi pprintjata l-*card* li tinghata lill-applikant xi gimghat wara.

**Ikkunsidra:**

Illi l-pern ta’ din il-kwistjoni jdur kollu mad-data ta’ meta r-rikorrent ha r-residenza tieghu hawn Malta. Dan huwa kriterju importanti ghall-kwalifika o meno biex persuna tigi ezentata milli thallas it-taxxa ta’ registrazzjoni fuq vettura li tkun ingabet hawn Malta.

Illi, pero`, qabel dan it-Tribunal jidhol fil-mertu tal-kwistjoni se jezamina zewg eccezzjonijiet preliminari mqajjma mill-intimati. L-ewwel eccezzjoni li se tigi ezaminata hija l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita` ghat-Trasport f’Malta u cioe` li hi mhix il-legittimu kontradittur f’dawn il-proceduri stante li ma kellha l-ebda sehem fid-decizjoni appellata.

Illi t-Tribunal jirrileva illi huwa car daqs il-kristall li l-Awtorita` ghat-Trasport f’Malta u l-Ministeru tal-Finanzi huma zewg entitajiet separati u distinti minn xulxin. L-entita` li skond il-Ligi hija mghonija bil-poter li takkorda l-ezenzjoni mit-taxxa tar-registrazzjoni ta’ vetturi huwa l-Ministru ghall-Finanzi, liema poter gie delegat lit-*Transfer of Residence Exemption Board* permezz ta’

artikolu 19 (2) (d) tal-Kapitolu 368 tal-Ligijiet ta' Malta u Regolament 10 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01. L-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta m'ghandha l-ebda poter tiddeciedi jekk vettura tikkwalifikax jew le ghall-ezenzjoni, pero` l-istess Awtorita` trid timxi abbazi ta' dak deciz mill-imsemmi Bord. Ghaldaqstant, dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-Awtorita` intimata ghandha ragun fl-ewwel eccezzjoni taghha u ghalhekk it-Tribunal se jilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju. Illi pero` dan it-Tribunal ma jistghax ma jirrilevax illi l-ufficjal adetta mill-ufficju responsabbli li jilqa' l-applikazzjonijiet possibilment tat informazzjoni zbaljata lir-rikorrent meta infurmatu li l-ewwel irid igib il-permess ta' residenza qabel japplika ghall-ezenzjoni. Ghal dan il-ghan it-Tribunal se jordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lill-istess Dipartiment biex jigi evitat li tinghata misinformazzjoni f'kazijiet futuri.

L-eccezzjoni preliminari l-ohra hija dik tac-Chairman u Ministru intimati li permezz tal-ewwel eccezzjoni irrilevaw illi l-Avukat Generali ma giex notifikat skont kif jipprovdi l-artikolu 181B(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi din l-eccezzjoni hija ormai sorvolata peress li l-intimati kollha pprezentaw ir-risposta taghhom fit-terminu u ghalhekk, f'dan il-kaz, m'hemmx lok li tigi applikata s-salvagwardja tal-artikolu 181B tal-Kaptiolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi sorvolati l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari tal-intimati, it-Tribunal se jidhol issa fil-mertu ta' dan l-appell.

Illi l-applikazzjoni tar-rikorrent giet irrifjutat abbazi ta' zewg konsiderazzjonijiet u cioe` dawk li jemanu minn Regolament 4 (3) (a) u (f) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01.

Regolament 4 (3) (a) jistipula illi l-vettura li dwarha tintalab l-ezenzjoni *"trid tkun ilha registrata f'isem l-individwu li jkun qieghed jittrasferixxi r-residenza normali tieghu ghal perjodu ta' mhux inqas minn erbgha u ghoxrin xahar minnufih qabel id-data tat-trasferiment tar-residenza tieghu ghal Malta u tkun ghadha hekk registrata meta l-vettura tigi impurtata jew migjuba f'Malta."*

Regolament 4 (3) (f) min-naha l-ohra jistipula illi *"meta l-persuna tkun ittrasferiet ir-residenza taghha lejn Malta u l-vettura tkun ghadha ma waslitx Malta, l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni ghandha ssir fi zmien tletin gurnata minn meta l-vettura tasal Malta."*

Illi t-Tribunal se jitratta l-ahhar Regolament citat fid-decizjoni appellata u cioe Regolament 4 (3) (f). Mid-dokumenti esebiti, specjalment mill-applikazzjoni sottomessa mir-rikorrent, jirrizulta illi l-vettura waslet Malta mar-rikorrent, u cioe` fit-8 ta' Marzu 2016. L-istess rikorrent iddikjara illi hu ha r-residenza tieghu hawn Malta fl-istess gurnata. Dan ifisser illi t-tletin gurnata sabiex japplika ghall-ezenzjoni bdew ghaddejjin minn dakinhar peress li l-vettura kienet waslet mieghu. Ghaldaqstant, il-Bord kien zbaljat meta ccita Regolament 4 (3) (f) fid-decizjoni tieghu ghaliex dan ir-Regolament ma japplikax ghall-kaz odjern imma japplika biss fejn il-vettura tkun ghadha ma waslitx hawn Malta. Ghaldaqstant dik il-parti tad-decizjoni ghandha tigi revokata.

Illi ghalhekk it-Tribunal se jitratta issa r-rifjut abbazi tar-Regolaent 4 (3) (a) li jistipula illi l-vettura trid tkun ilha registrata f'isem l-applikant mill-inqas erbgha u ghoxrin xahar qabel id-data tat-trasferiment tieghu lejn Malta. Illi mill-applikazzjoni[5] nnifisha jirrizulta illi r-rikorrent iddikjara li huwa akkwista l-imsemmija vettura fid-9 ta' Mejju 2013. Illi ghalhekk jekk ir-rikorrent ha r-residenza tieghu hawn Malta fit-8 ta' Marzu 2015 huwa ma kienx ilu erbgha u ghoxrin xahar sid tal-istess vettura.

Illi d-dibattitu li qam f'din il-kawza jirrigwarda principalment il-kwistjoni ta' meta r-rikorrent ha r-residenza tieghu hawn Malta. Filwaqt li huwa jammetti li fl-applikazzjoni sottomessa minnu ddikjara li ha r-residenza normali tieghu hawn Malta fit-8 ta' Marzu 2015, dan ma kienx il-fatt ghaliex kien xi zmien wara illi ddecieda li jibqa' ghal kollox hawn Malta. Fil-fatt jghid li kien ghall-ahhar tar-Rebbiegha/bidu tas-Sajf li beda jikseb taghrif dwar x'kien hemm bzonn li jsir sabiex jibqa' jghix hawn Malta.

[5] Dok MF1 a fol. 12 sa 14

Illi fit-trattazzjoni orali d-difensur tar-rikorrent jishaq illi t-trasferiment tar-residenza issir meta l-individwu jiddeciedi li se jghix f'dak il-pajjiz. Jghid illi d-data tat-trasferiment ghandha tkun meta r-rikorrent iddecieda li jibqa' hawn Malta u ghamel l-applikazzjoni ghall-permess ta' residenza ghaliex l-applikazzjoni ghall-imsemmi permess turi d-decizjoni tieghu li jibqa' hawn Malta.

Min-naha l-ohra, id-difensur tac-Chairman u Ministru intimati ssostni illi r-rikorrent innifsu ddikjara fl-applikazzjoni tieghu d-data tat-trasferiment tar-residenza tieghu u m'hu veru xejn li ddecieda meta mar biex japplika ghall-permess ta' residenza f'Settembru 2015.

Illi t-Tribunal jirrileva illi l-applikazzjoni li permezz taghha ssir it-talba ghall-ezenzjoni mit-taxxa tar-registrazzjoni hija wahda informattiva hafna, tant illi ghandha spjegat b'mod car u konciz xi tfisser "transfer of residence". Infatti, fl-istess applikazzjoni hemm imnizzel illi *"transfer of residence" means the actual transfer of the normal residence of a person from a place outside Malta to a place in Malta."* Illi dan it-Tribunal japprezza illi persuna gejja minn pajjiz barrani jista' jkollha xi diffikulta ta' lingwa. Pero` din mhux skuzanti ghax dejjem tista' tfittex l-ghajnuna biex jigi mfiehem lilha ezatt dak li tesigi l-ligi.

Illi issa fil-kaz odjern ir-rikorrent kien hu stess li ddikjara d-data ta' meta ha r-residenza tieghu hawn Malta. Huwa veru li d-data tat-8 ta' Marzu 2015 hija l-istess data ta' meta wasal hawn Malta bil-vettura tieghu pero` din ic-cirkostanza ma tista' taghtih l-ebda konfort. Anzi, t-Tribunal jinnota illi l-applikazzjoni hija ben cara meta titlob l-informazzjoni ta' dati mill-applikanti, tant illi titlob kemm id-data ta' meta l-applikant ikun wasal Malta u kif ukoll id-data ta' meta huwa ha r-residenza tieghu hawn Malta. Dan ovvjament ghaliex jista' jkun hemm cirkostanzi fejn applikant li jkun gie Malta jiddeciedi fi stadju iktar 'il quddiem li jkun ha jittrasferixxi r-residenza tieghu ghal hawn Malta. Illi dan it-Tribunal jasal biex jikkoncedi li forsi r-rikorrent ma hax ir-residenza tieghu fit-8 ta' Marzu 2015 pero` certament ma jistghax jikkoncedi li ttrasferixxa l-istess residenza f'Awwissu jew Settembru meta applika ghall-

permess ta' residenza u ghall-ezenzjoni. Biss biss fi kliemu stess lejn l-ahhar tar-Rebbiegha/bidu tas-Sajf beda jiforma ruhu x'irid jaghmel biex jibqa' hawn Malta, li jfisser illi huwa effettivament kien iddecieda li jibqa' jirrisjedi hawn Malta. Dan ipoggih ferm oltre t-tletin gurnata entro liema ried japplika ghall-ezenzjoni in kwistjoni. Illi, pero`, it-Tribunal jirrileva illi l-informazzjoni supplita lill-Bord mir-rikorrent kienet wahda mill-iktar skjetta, u cioe` li hu ttrasferixxa r-residenza tieghu hawn Malta fit-8 ta' Marzu 2015 u ghalhekk il-Bord ma kellu l-ebda tort li mexa fuq din id-data bhala d-data tat-trasferiment tieghu. Kwindi dan it-Tribunal ma jarax li l-Bord wasal ghal xi decizjoni zbaljata jew ingusta.

Illi fl-ahharnett dan it-Tribunal josserva illi dan mhux l-ewwel kaz li ghandu quddiemu fejn l-applikanti setghu inghataw informazzjoni mhux korretta rigward l-ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni mill-ufficcji kemm t'Ghawdex u kif ukoll ta' Malta tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta. Ghaldaqstant, dan it-Tribunal jawspika illi dan ma jiqbghax isehh u jigbed l-attenzjoni tal-Awtorita` intimata sabiex jizguraw illi l-ufficjali taghha ikunu informati korrettament dwar il-kriterji li wiehed irid ikollu biex jibbenefika mill-ezenzjoni.

**DECIDE**

Ghaldqstant it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija, fl-ewwel lok jilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita` intimata u jilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju. Fit-tieni lok jirrevoka dik il-parti tad-decizjoni tat-Transfer of Residence Exemption Board fejn irrifjuta l-applikazzjoni tar-rikorrent abbazi tar-Regolament 4 (3) (f) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01, u jikkonferma r-rimanenti decizjoni u jichad it-talba tar-rikorrenti sabiex tigi revokata *in toto* d-decizjoni appellata. Fl-ahharnett jastjeni milli jiehu konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni tac-Chairman u Ministru intimat, u jilqa' l-eccezzjonijiet rimanenti tac-Chairman u Ministru intimati in kwantu dawn jirrelataw mar-rifjut tal-applikazzjoni taht ir-Regolament 4 (3) (a) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01.

Bl-ispejjez bla taxxa bejn il-partijiet.

In vista ta' dak sottomess iktar 'il fuq it-Tribunal jordna notifika ta' din is-sentenza lic-Chairman tal-Awtorita` Dwar it-Trasport f'Malta u kif ukoll lill-ufficju ta' l-Awtorita ghat-Trasport f'Malta gewwa Ghawdex.

(ft) Dr. Charmaine Galea
Magistrat

(ft) Silvana Grech
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur